# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ
L-AKKADEMJA TAL-MALTI

ĠUNJU
DIĊEMBRU
1977

*EDITORJAL*

## L-ORTOGRAFIJA TAL-MALTI

*Dan l-aħħar qam interess ġdid fl-ortografija u fil-morfoloġija Maltija. Għalkemm dawn m'humiex l-istess, iżda fil-Malti huma marbuta flimkien. Konna naħsbu li l-publikazzjoni tat-*Tagħrif fuq il-Kitba Maltija *fl-1924, u l-aċċettazzjoni tiegħu mill-aħjar kittieba tal-Malti u mbagħad l-għarfien tiegħu uffiċjalment min-naħa tal-Gvern, qatgħet il-kwistjonijiet kollha li kienu ilhom iħawdu l-imħuħ tal-kittieba sa minn meta beda jinkiteb il-Malti.*

*Iżda dan ma kellux ikun, għal ħafna raġunijiet. L-aqwa waħda hi li kull ilsien ħaj bilfors li jiltaqa' ma' problemi fl-iżvilupp tiegħu, għax l-ilsien hu l-espressjoni tal-ħsieb u l-ideat ta' poplu, li jitbiddlu minn żmien għal żmien. Ikollu jdaħħal kliem ġdid, espressjonijiet ġodda bex iwieġeb għal ħtiġijiet li jitfaċċaw minn jum għal ieħor. Dan ifisser li ebda sistema ma tista' qatt twieġeb b'mod assolut il-bżonnijiet kollha u ta' kull żmien.*

*Dan ġara lill-ilsna kollha, u b'mod speċjali lill-Malti. It-*Tagħrif *kien imfassal fl-ewwel kwart ta' dan is-seklu, u kien iwieġeb għall-ħtiġijiet ta' dak iż-żmien. Minn dak in-nhar 'il hawn is-Soċjetà Maltija tbiddlet mill-qiegħ; u daħlu kurrenti ġodda ta' ħsieb, għodod u apparati ta' teknika avanzata u xjenzi li qabel ftit konna nagħtu kashom. Dan kollu ġieb miegħu ħafna kliem minn ilsna oħra u tbiddel ukoll il-mod kif infissru ruħna.*

*Qegħdin inħossu l-ħtieġa li nimlew il-vojt li bla ma riedu dawk li fasslu t-Tagħrif ħallew fix-xogħol tagħhom. Barra dan, meta taqra u tgħarbel bir-reqqa t-*Tagħrif *issib li kif jidher mill-eżempji li ġi bu, kellhom f'rashom is-sitwazzjoni lingwistika-kulturali ta' żmienhom, u l-polemika tħossha bejn il-linji. Għalhekk insistew ħafna fuq l-element semitiku tal-Malti, u ħallew barra tista' tgħid għal kollox l-element Rumanz, sew għal dik li hi ortografija, kemm għal dik li hi morfoloġija.*

*Issa qiegħda tinħass sewwa l-ħtieġa li dan il-vojt jimtela u nħallu l-polemika barra. B'dan il-ħsieb l-Akkademja ħatret Kummissjoni biex tirrevedi t-*Tagħrif *u timla l-vojt li fih fid-dawl ta' l-esperjenza ta' dawn l-aħħar ħamsin sena u twieġeb għall-bżonnijiet ta' l-iżviluppi ġodda li seħħu f'dan iż-żmien.*

*Għalhekk kienet pass għaqli meta l-Akkademja stiednet lill-Professur Ġużè Aquilina biex jitkellem fuq l-ortografija nhar it-3 ta' Marzu 1976 fl-Università l-Qadima tal-Belt u mbagħad b'reazzjoni għal dan id-diskors lis-Sur Erin Serracino-Inglott nhar id-19 ta' Mejju 1976. Dawn iż-żewġ diskorsi llum qegħdin nippublikawhom f'dan in-numru tal-Malti minħabba l-importanza tagħhom. Jidher ċar li dawn iż-żewġ studjużi serji ta' lsienna telqu minn prinċipji diversi minn xulxin, u għalhekk għandhom iservu biex tinfetaħ diskussjoni serja u siewja għall-ġid tal-Malti. Il-wieħed jinsisti fuq l-fonetika bħala bażi għall-ortografija Maltija u l-ieħor fuq il-filoloġija. Aħna ma aħniex sa nagħmluha ta' mħallfin bejniethom. Inħalluha għall-qarrejja tagħna u l-istudjużi li jagħtu l-fehma tagħhom biex fl-aħħar naslu għall-soluzzjonijiet sodi ta' dawn il-problemi. Dan ikun ta' għajnuna kbira għall-Kummissjoni għar-reviżjoni tat-*Tagħrif.

*Aħna nirringrazzjaw minn qalbna lill-Professur Ġużè Aquilina u lis-Sur Erin Serracino-Inglott għad-diskors tagħhom u l-permess tagħhom biex nippublikawhom u nittamaw li dan ix-xogħol tagħhom iservi biex jinfetħu toroq ġodda fl-istudju tal-Malti li jwasslu għat-tisħiħ tiegħu bħala bażi u mezz ta' espressjoni tal-ħsieb u r-ruħ Maltija. Jalla studjużi oħra jitħajru jagħtu l-kontribut siewi tagħhom.*

*5 ta' Jannar, 1978.*